# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru 2020.**

**Numru 26**

**Rikors numru 129/12 JPG**

**David u Mary konjugi Theuma; Anthony u Grace konjugi Theuma; u Michael u Josephine konjugi Theuma**

**v.**

**Giuseppi Spiteri u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2020 stante l-mewt ta' Giuseppi Spiteri l-atti gew trasfuzi f'isem Barrington Camilleri**

Preliminari:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Marzu 2015 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata (li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata*), bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

2. Rat is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2015.

**<u>Rikors tal-Appell tal-atturi Theuma (10.03.2015):</u>**

3. L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti (fejn laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata*) u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

4. L-ilment tagħhom jirrigwarda l-element tal-"*eadem causa petendi*". Jenfasizzaw li:

(i) filwaqt li l-<u>kawża 1452/01/JA</u> kienet taġġira fuq it-tħassir ta' servitu` ta' passaġġ (Artikolu 449 tal-Kodiċi Ċivili),

(ii) il-kawża odjerna <u>129/12/JPG</u> tirrigwarda l-estinzjoni ta' servitu` ta' passaġġ ikkreata mill-gabillotti (Artikolu 465 tal-Kodiċi Ċivili),

u għalhekk jargumentaw illi ż-żewġ kawżi m'għandhomx l-istess identita` ġuridika.

**<u>Risposta tal-Appell tal-konvenut appellat (26.07.2019):</u>**

5. Il-konvenut appellat wieġeb biex jgħid għaliex is-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

- **<u>L-ewwel kawża:</u>**

**<u>"*David Theuma et v. Giuseppe Spiteri et*" (1452/2001/JA)</u>**

6. Fl-14 ta' Awwissu 2001 l-aħwa David, Anthony u Michael Theuma intavolaw kawża kontra Giuseppe Spiteri (u fiha ġie kjamat fil-kawża d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt). Fiha ippremettew li huma għandhom biċċtejn raba' f'Ħal Kirkop:

(i) waħda bil-kejl ta' 4039mk li <u>xtraw</u> fl-1990 mingħand il-Kurja, u

(ii) oħra li <u>kisbu bi qbiela</u> tagħha fl-1994 mingħand Leonard Spiteri (li jiġi ħu l-konvenut).

7. Ilmentaw illi l-pretensjoni tal-konvenut li jgħaddi minn fuq dawn il-biċċtejn art tagħhom hija waħda kapriċċuża peress li għandu band' oħra minn fejn jgħaddi. Għalhekk talbu lill-ewwel Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut:*

*"(i) igawdi dritt ta' aċċess għall-art tiegħu minn fuq Triq l-Imdina; u*

*"(ii) li l-aċċess li hu jippretendi li jibqa' jagħmel użu minnu minn fuq Triq Valletta huwa wieħed kapriċċuż u mhux neċessarju fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi;*

*"(iii) illi tali dritt ta' passaġġ jiġi terminat, annullat u imħassar ai fini u l-effetti kollha tal-liġi;*

*"2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju jirrilaxxja l-pussess tal-imsemmi passaġġ u jagħlaq kull fetħa li hu fetaħ għal fuq l-art proprjeta` tal-atturi jew minnhom detenuta sabiex b'hekk jirreintegra lill-atturi fil-pussess sħiħ u mhux imxekkel tal-proprjeta` tagħhom.*

*"3. In difett, l-atturi jew min minnhom, ikun awtorizzat jagħmel ix-xogħol ta' għeluq u tneħħija ta' kull benefikat magħmul mill-konvenut u reintegrazzjoni li jkun meħtieġ taħt id-direzzjoni ta' Perit nominand."*

8. Permezz ta' sentenza datata <u>10 ta' Diċembru 2008</u>, il-Prim'Awla[1] tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi. Il-konvenut appella minnha.

9. Permezz ta' sentenza datata <u>30 ta' Settembru 2011</u>, din il-Qorti tal-Appell[2] irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Irriteniet li l-azzjoni hija dik imsejsa fuq l-**Artikolu 449** tal-Kodiċi Ċivili, li hija azzjoni biex tintemm servitu` li inħolqot, bi ħlas ta' kumpens, fuq fond servjenti favur fond li m'għandux ħruġ fuq triq pubblika. L-artikolu jipprovdi hekk:

*"Jekk il-mogħdija mogħtija kif jingħad hawn fuq ma tibqax meħtieġa, minħabba l-ftuħ ta' triq ġdida, jew it-tagħqid tal-fond ma' ieħor li jmiss mat-triq pubblika, is-sid tal-fond serventi jista' jitlob it-tmiem ta' dak il-jedd ta' mogħdija billi jrodd l-indennizz li jkun ħa jew billi ma jissoktax jieħu l-ħlas ta' kull sena li jkun ġie miftiehem."*

[1] JA
[2] SC/GV/GCD

10. Din il-Qorti spjegat li ladarba l-azzjoni kontemplata mill-Artikolu 449 twassal għat-tħassir ta' servitu` (jedd *in re*), hija azzjoni petitorja li tista' ssir biss minn sid il-fond servjenti kontra sid il-fond dominanti. **Qalet li din il-konsiderazzjoni, waħedha, hija biżżejjed biex iġġib fix-xejn l-azzjoni**, <u>mhux biss għaliex</u> ma hemmx prova li l-jedd vantat mill-konvenut ħareġ minn applikazzjoni tal-Artikolu 447 <u>u wkoll għaliex</u> l-atturi (fir-rigward tat-tieni biċċa art) mhumiex il-proprjetarji u għalhekk għallinqas fir-rigward tat-tieni biċċa m'għandhomx il-leġittimazzjoni attiva, <u>iżda wkoll għaliex</u> il-konvenut mhux is-sid tal-fond li jgawdi l-mogħdija, u għalhekk m'għandux il-leġittimazzjoni passiva.

11. Hija enfasizzat li biex ikun applikabbli l-Artikolu 449, li fuqha hija msejsa l-azzjoni tal-atturi, kien imiss lill-atturi li jippruvaw li t-titolu tagħhom kien ġej mill-Artikolu 447, iżda dik il-prova l-atturi mhux biss ma ressquhiex, iżda ma setgħux iressquha, għaliex l-Artikolu 447 jagħti jedd lis-<u>sid</u> ta' art li m'għandhiex ħruġ fuq triq pubblika, u l-konvenut mhux is-sid tal-art. Għalhekk ikkonkludiet li l-azzjoni mressqa mill-atturi ma tistax tolqot il-jedd vantat mill-konvenut, għaliex tali jedd vantat minnu mhux servitu` maħluqa taħt l-Artikolu 447.

- **<u>It-tieni kawża:</u>**

**<u>"*David Theuma et v. Giuseppe Spiteri*" (129/2012/JPG)</u>**

12. <u>Fis-7 ta' Frar 2012</u> (4 xhur biss wara li din il-Qorti tal-Appell, fil-kawża 1452/2001/JA, ċaħditilhom it-talbiet) l-aħwa David, Anthony u Michael Theuma, din id-darba bin-nisa tagħhom, intavolaw kawża oħra kontra Giuseppe Spiteri. Fiha ippremettew li huma s-sidien ta' biċċa raba' f'Ħal Kirkop bil-kejl ta' 4039mk li xtraw fl-1990 mingħand il-Kurja (kuntratt anness mar-rikors ġuramentat); spjegaw li din l-art kienet tifforma parti minn art ikbar li kienet imqabbla lil missier il-konvenut u li meta inqasmet bejn l-aħwa kerrejja kien inħoloq aċċess minn fuq l-art in kwistjoni, illum tagħhom. Spjegaw ukoll li l-art in kwistjoni kienet tinħadem minn Katerina Cassar, oħt il-konvenut, u li hija kienet ċeditilhom il-qbiela fl-1987 (cioe` tliet snin qabel ma xtrawha). Ilmentaw bil-fatt li l-konvenut qiegħed jgħaddi minn fuq din l-art tagħhom sabiex jaċċedi għal art oħra mikrija lilu mill-Uffiċċju Konġunt, mingħajr ma għandu titolu validu biex jagħmel dan. Wara li iċċitaw mill-Artikolu 465 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li:

> "*Ebda servitù li ċ-ċenswalist, l-użufruttwarju, jew il-kerrej ikunu ħallew li tiġi eżerċitata fuq il-fond, mingħajr ebda titolu li kien jeżisti minn qabel, ma tkun ta' ħsara għall-padrun dirett jew għas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iż-żmien li fih is-servitù tkun ġiet eżerċitata.*"

Talbu lill-qorti sabiex, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut m'għandu l-ebda jedd ta' passaġġ minn fuq l-art mertu tal-kawża:

> *"1. Tordna lill-konvenut sabiex jieqaf u jiddeżisti milli jkompli jagħmel użu mill-art proprjeta` tal-atturi, jew li jivvanta kwalsiasi dritt ta' passaġġ jew drittijiet oħra fuq l-istess proprjeta`."*

13. Il-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu, eċċepixxa fl-ewwel lok ir-***res judicata*** billi fis-sentenza rigwardanti l-kawża 1452/2001/JA, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2011, ġiet miċħuda t-talba tal-atturi biex jiġi tterminat id-dritt tal-passaġġ tiegħu minn fuq l-art tagħhom u biex huwa jitlaq il-pussess tal-istess passaġġ.

14. Permezz ta' sentenza datata 2 ta' Marzu 2015, l-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* sollevata mill-konvenut. Hija irriżultalha li kienu jissussistu t-tliet rekwiżiti:

(i) *eadem personae*

Dwar dan ir-rekwiżit qieset li fiż-żewġ kawżi kien hemm l-aħwa Theuma bħala atturi u Giuseppi Spiteri bħala konvenut. Fl-ewwel kawża kien hemm ukoll l-Uffiċċu Konġunt kjamat fil-kawża u fit-tieni kawża daħlu wkoll bħala atturi n-nisa tal-aħwa Theuma. Hija qieset pero` li huwa insenjat li fejn parti tiddaħħal jew minn rajha tidħol fit-tieni kawża, meta dan isir fis-sens ta' *locus standi judicio,* dan ma jirrendix nieqes l-element tal-*eadem personae.*

(ii) *eadem res*

Dwar dan ir-rekwiżit qieset li ma jistax ikun hemm kontestazzjoni li l-

oġġett taż-żewġ kawżi huwa l-istess, u cioe` d-dritt ta' passaġġ tal-konvenut minn fuq l-istess raba' tal-atturi.

(iii) <u>*eadem causa petendi*</u>

Dwar dan l-element qieset li fl-ewwel kawża 1452/2001/JA il-Qorti tal-Appell kienet iddeċidiet effettivament il-kwistjoni tad-dritt ta' passaġġ tal-konvenut fuq l-art tal-atturi, u kienet tal-fehma li dak li ġie effettivament deċiż fis-sentenza "*hu proprjament il-kwistjoni identika fil-każ odjern".*

- <u>**L-aggravju tal-atturi dwar l-eċċezzjoni tar-res judicata:**</u>

15. L-atturi ħassewhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li jissussisti r-rekwiżit tal-<u>*eadem causa petendi*</u>. Jaċċennaw għall-fatt li ż-żewġ kawżi jikkonsistu f'azzjonijiet diversi, in kwantu l-ewwel waħda hija bbażata fuq l-**Artikolu 449**, u t-tieni waħda hija bbażata fuq l-**Artikolu 465** tal-Kodiċi Ċivili. Jenfassizzaw li l-kwistjoni tad-dritt bl-azzjoni odjerna m'għandhiex l-identita` ġuridika tal-kawża l-oħra. Ifakkru li huwa insenjat mill-qrati Maltin li biex ikun jeżisti l-ġudikat, <u>hemm bżonn li l-identika kwistjoni tkun ġiet effettivament deċiża bis-sentenza ta' qabel</u>.

16. Din il-Qorti tosserva qabel xejn li bis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru 2011 din il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza mogħtija mill-

ewwel Qorti fil-kawża 1452/2011/JA safejn mogħtija kontra l-konvenut u ċaħdet it-talbiet tal-atturi. Hija irriteniet li l-azzjoni, li hija waħda imsejsa fuq l-**Artikolu 449**, ma setgħetx tolqot il-jedd tal-konvenut għaliex dan ma jistax ikun servitu` maħluq taħt l-Artikolu 447 ladarba l-istess konvenut mhux is-sid tal-għalqa ma' ġenb l-art tal-atturi. Ifisser għalhekk li s-sentenza definittiva mogħtija fl-ewwel kawża ma tikkostitwixxix ġudikat veru u proprju fil-konfront tal-konvenut għaliex ma investietx il-mertu (i.e. jekk is-servitu` ta' mogħdija allegatment mogħtija lill-konvenut taħt l-Artikolu 447 għadhiex meħtieġa ai termini tal-Artikolu 449.)

17. Kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba (i) biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, (ii) li tbiegħed il-possibilita` ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u (iii) li ttemm il-possibilita` ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat[3]. Ladarba l-ebda jeddijiet ma ġew definiti fis-sentenza definittiva relattiva għall-kawża 1452/2001/JA, stante li ma ġiex investit il-mertu, din il-Qorti ma tarax kif tista' tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut[4].

18. Fid-dawl ta' dan biss, l-appell tal-atturi jimmerita li jintlaqa', u

---

[3] Vide **Charles Cortis v. Francis X Aquilina et** 25/09/2003; P.Awla; (JRM)

[4] Vide wkoll **Joseph Aquilina et v. Charles Camilleri** 10/03/2004; App Inf; (PS) fejn ġie ritenut li fejn ma hemmx deċiżjoni fil-mertu, fejn ma hemmx ġudikat vinkolanti bejn il-partjiet, ma tistax tiġi milqugħa eċċezzjoni ta' *res judicata*

konsiderazzjonijiet oħra huma superfluwi.

**DECIDE**

19. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-atturi, tħassar is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2015 u tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar ir-*res judicata.*

20. Tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiża skont il-liġi.

21. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess konvenut appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm